

Brussell, 10 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14481/22

COH 107
SOC 613

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-politika ta' koeżjoni – <i>Approvazzjoni</i>

1. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-Politika ta' Koeżjoni ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-12 u s-27 ta' Settembru u tal-10 u l-24 ta' Ottubru 2022. Id-delegazzjonijiet qablu mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ma' dan in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

ABBOZZ**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Koeżjoni****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

- (1) IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2022 dwar il-Komunikazzjoni tat-tmien rapport ta' Koeżjoni "Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050";
- (2) ITENNI li l-Politika ta' Koeżjoni hija l-politika ewlenija ffukata fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni tal-UE u li qed tistinka biex tnaqqas id-diverġenzi bejniethom kif stabbilit fl-Artikolu 174 TFUE; u JTENNI li l-oġettiv tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew u JISSOTTOLINJA r-riskji għal żieda fid-diverġenzi reġjonali kkawżati minn kriżijiet u s-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi;
- (3) JISĦAQ fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u b'kont meħud tar-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

Il-valur miżjud tal-Politika ta' Koeżjoni

- (4) JISĦAQ li l-Politika ta' Koeżjoni hija aġli, moderna u fit-tul, u JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni fil-kontribut għall-iżvilupp futur tal-UE f'termini tat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, it-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE, l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ċirkolari, ekoloġika u diġitali filwaqt li jiġi żgurat suq intern ibbilanċjat u tiżdied il-kompetittività tal-UE fuq skala globali;

- (5) JIRRIMARKA l-effett ta' lieva tal-Politika ta' Koeżjoni; JISSOTTOLINJA li huwa stmat li 15-il sena wara tmien il-perjodu ta' implimentazzjoni, kull EUR 1 minfuq fuq il-Politika ta' Koeżjoni ġġenera EUR 2.7 ta' PDG addizzjonali fil-livell tal-UE¹;
- (6) IFAKKAR li l-Politika ta' Koeżjoni kienet minn ta' quddiem fl-użu ta' prattika ta' evalwazzjoni u programmazzjoni orjentata lejn ir-riżultati. Prattika tajba mill-Politika ta' Koeżjoni tista' tinxtered aktar f'politiki oħra tal-UE;
- (7) JIRRIKONOXXI li l-Politika ta' Koeżjoni mhijiex strument ta' kriżi, għalkemm uriet li tgħin biex jittaffew l-effetti ta' kriżijiet reċenti, u HUWA TAL-OPINJONI li l-Politika ta' Koeżjoni għandha tkun kapaċi tadatta għal żviluppi ġodda mingħajr ma tikkomprometti l-oġettivi strutturali u fit-tul tagħha;
- (8) JISĦAQ li l-mod ta' ġestjoni kondiviża huwa karatteristika ewlenija li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika ta' Koeżjoni, b'impatti pożittivi li jikkontribwixxu għal:
- l-iżgurar ta' involviment xieraq tal-livell sottonazzjonali u l-involvement tas-sħab f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija, biex b'hekk jinħoloq sens ta' sjieda tal-programmi u x-xejriet tal-iżvilupp, kif ukoll titrawwem l-appartenenza għall-proġett Ewropew;
 - it-titjib tal-kapaċità u l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, l-approċċ ta' ppjanar strateġiku tagħha għall-investiment ibbażat fuq loġika ta' intervent soda, orjentazzjoni fuq ir-riżultati, u l-prestazzjoni baġitarja;
 - jippermettu programmazzjoni minn isfel għal fuq filwaqt li jgħaqqdu xejriet globali ġodda fit-tfassil tal-politika nazzjonali u reġjonali u l-ippjanar tal-investiment (eż. enfasi fuq l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u t-trasformazzjoni diġitali, bliet intelliġenti, approċċ ibbażat fuq il-post, applikazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali);

¹ It-tmien rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, Il-Koeżjoni fl-Ewropa sal-2050, Kapitolu 9: L-impatt tal-Politika ta' Koeżjoni

- (9) JENFASIZZA li l-multiplikazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament iżżid ir-riskju ta' trikkib mal-interventi tal-Politika ta' Koeżjoni, potenzjalment tikkomprometti l-kapaċità tal-Politika ta' Koeżjoni li tilħaq l-oġġettivi fit-tul tagħha, iżżid il-kostijiet tal-koordinazzjoni u toħloq piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, ir-regġuni u l-benefiċjarji;
- (10) HUWA TAL-OPINJONI li l-linji ta' demarkazzjoni bejn l-istrumenti differenti għandhom ikunu definiti sew u strumenti oħra għandhom ikunu komplementari u sinerġiċi mal-Politika ta' Koeżjoni, bl-għan li jiġu evitati l-frammentazzjoni artifiċjali u d-duplikazzjoni tal-investimenti;

Perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020

- (11) JILQA' r-riżultati miksuba fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u JIEĦU NOTA tal-analiżi ppreżentata mill-Kummissjoni fit-Tmien Rapport ta' Koeżjoni;
- (12) JISĦAQ fuq il-ħtieġa li ssir enfasi fuq l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra l-flessibbiltajiet kollha possibbli meta tiddefinixxi l-modalitajiet għall-għeluq, u b'hekk tippermetti implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-operazzjonijiet;
- (13) JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex ixerrdu u jippromwovu b'mod wiesa' r-riżultati u l-benefiċċji tal-Politika ta' Koeżjoni lill-pubbliku;

Il-Politika ta' Koeżjoni u r-rispons tagħha mfassal apposta għall-kriżijiet reċenti

- (14) JIEĦU NOTA li l-Politika ta' Koeżjoni kellha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 u JFAKKAR fl-adozzjoni rapida tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE), żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi REACT-EU u FAST-CARE;

- (15) JAPPELLA lill-Kummissjoni issegwi mill-qrib l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-aggressjoni militari Russa mhux provokata kontra l-Ukrajna, inkluż is-sitwazzjoni fis-swieq tal-enerġija u l-inflazzjoni, u, jekk ikun meħtieġ, tesplora aktar miżuri biex tiżgura l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni;

Perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027

- (16) JILQA' l-fatt li l-qafas leġislattiv 2021-2027 jipprovdi regoli ta' implimentazzjoni aktar sempliċi u flessibbli; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' dawn ir-regoli u timmonitorja l-opportunitajiet għal aktar simplifikazzjoni, jiġifieri f'termini ta' piż amministrattiv għall-partijiet interessati kollha involuti meta mqabbel mal-valur miżjud reali;
- (17) JENFASIZZA l-elementi tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 bħal:
- ir-rabta bejn il-Politika ta' Koeżjoni u s-Semestru Ewropew li ssaħħet fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; JIRRIMARKA, madankollu, li għandu jiġi żgurat il-bilanċ bejn approċċ ibbażat fuq il-post u l-prijoritajiet Ewropej;
 - il-passi l-ġodda lejn sistema ta' awditjar imtejba bbażata fuq il-bini ta' fiduċja fit-tul;
 - is-sistema ta' kondizzjonijiet abilitanti; JEMMEN li l-valutazzjoni tat-twertiq tal-kondizzjonijiet abilitanti hija vitali għall-implimentazzjoni soda tal-Politika ta' Koeżjoni mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv żejjed fuq l-Istati Membri;
 - is-soluzzjonijiet li jgħinu biex jiġi żgurat li l-finanzjament ta' koeżjoni jkun konsistenti mal-oġġettivi ambjentali, soċjali u klimatiċi;
 - sistemi ta' loġika ta' intervent u ta' indikaturi simplifikati u qafas ta' prestazzjoni simplifikat; kif ukoll ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi u l-ftehimiet ta' sħubija fl-2025 li ser jippermettu li jiġu indirizzati sfidi li għadhom kif ġew identifikati;
 - l-għażliet fl-implimentazzjoni tal-programmi b'għestjoni kondiviża għat-trasferiment ta' ċerti livelli ta' finanzjament bejn il-Fondi u l-kategoriji ta' reġjuni;
 - possibbiltajiet usa' biex jiġu kkombinati forom differenti ta' appoġġ, bħal strumenti finanzjarji u għotjiet;

- (18) JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u r-reżistenza għall-klima, u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tikkondividi eżempji tal-aħjar prattika mal-Istati Membri;
- (19) JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-programmi 2021-2027 tibda mingħajr aktar dewmien u jieħdu l-passi meħtieġa biex iħaffu l-implimentazzjoni;
- (20) JISTIENEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni fost l-oħrajn billi jesploraw ulterjorment il-potenzjal ta' għażliet ġodda bħal finanzjament mhux marbut ma' kostijiet u għażliet ta' kostijiet simplifikati b'mod aktar ġenerali, u JISTIENEN lill-Kummissjoni tikkondividi eżempji tal-aħjar prattika u tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward;
- (21) JISĦAQ fuq l-importanza tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib dwar dawn is-suġġetti u jtejbu l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll;
- (22) JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħejju t-triq kmieni biżżejjed għal rieżami effettivi ta' nofs it-terminu għall-perjodu 2021-2027;
- (23) JAPPELLA lill-Kummissjoni:
- tissostanzja kontinwament l-impatt tal-Politika ta' Koeżjoni billi tanalizza l-effetti makroekonomiċi u kollaterali għar-reġjuni kollha, bl-użu ta' fatti u ċifri,
 - tiddetermina l-impatt tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fuq il-ġid pubbliku u s-sostenibbiltà tal-investimenti magħmula,
 - tanalizza r-riżultati multipli tal-Politika ta' Koeżjoni, inkluż fl-oqsma tal-ekonomija, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-klima u l-ambjent, l-affarijiet soċjali.

L-aspett territorjali tal-Politika ta' Koeżjoni

- (24) IQIS li l-approċċ ibbażat fuq il-post li jqis l-ispeċifikitajiet territorjali tar-reġjuni huwa element essenzjali tal-Politika ta' Koeżjoni;
- (25) JIRRIMARKA li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE inkluż dawk li jirrispondu għal sfidi globali mhux mistennija għandhom iqisu d-dimensjoni territorjali;
- (26) JENFASIZZA li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-ispeċifikitajiet u l-appoġġ tar-reġjuni, b'mod partikolari dawk inqas żviluppati, li jbatu minn diversi żbilanċi strutturali jew permanenti, irrispettivament mill-orijini tagħhom;
- (27) JISĦAQ li l-Politika ta' Koeżjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-iżvilupp taż-żoni rurali u urbani, filwaqt li tippromwovi approċċi integrati għat-territorji;
- (28) JISSOTTOLINJA l-importanza u l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali għall-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, kif ukoll għall-pajjiżi tal-Viċinat u l-pajjiżi li jużaw l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, u JENFASIZZA li l-kooperazzjoni reċiproka tikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reġjuni u l-integrazzjoni tal-UE;
- (29) JILQA' l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni tal-kooperazzjoni u tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-programmi tal-mira tal-Investiment għall-Impjiegi u t-Tkabbir, flimkien mal-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-inkorporazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar;

- (30) JIRRIKONOXXI l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 bil-għan li jippermetti lir-reġjuni u lin-nies jindirizzaw l-impatti soċjali, tal-impjiegi, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u ekonomija newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050;
- (31) JAPPELLA lill-Istati Membri jħaffu t-tnejja, u jistieden lill-Kummissjoni tapprova malajr il-programmi kofinanzjati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta rispettivi;
- (32) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifikitajiet tal-allokazzjoni tal-NGEU u l-iskadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-riżorsi u JAPPELLA lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni f'waqtha tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, speċjalment fir-rigward ta' proġetti kbar ta' trasformazzjoni;

Politika ta' Koeżjoni wara l-2027

- (33) JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koeżjoni bħala prinċipju, politika, objettiv u pilastru tal-UE, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, abbażi ta' governanza b'saħħitha f'diversi livelli u sħubija mal-partijiet interessati reġjonali u ċ-ċittadini, u fl-oqsma ta' politika differenti tal-UE;
- (34) JISĦAQ li l-Politika ta' Koeżjoni hija politika għar-reġjuni kollha;
- (35) JAPPELLA lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti leġiżlattivi tagħha għal wara l-2027 malajr kemm jista' jkun wara l-preżentazzjoni tal-proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss;
- (36) IFAKKAR li dawn il-konklużjonijiet huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027 u l-qafas leġiżlattiv tal-koeżjoni tal-UE;

(37) JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- tivvaluta l-aspetti kollha tal-leġislazzjoni 2021-2027, tesplora aktar l-opportunitajiet ippreżentati mill-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u tagħmel użu massimu minnu fit-tħejjija tal-qafas leġislattiv li jmiss;
- tkompli tissimplifika r-regoli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni bbażati fuq eżempji ppruvati u l-aħjar prattiki bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-partijiet interessati kollha;
- tarmonizza r-regoli ta' implimentazzjoni fost diversi programmi tal-UE li jikkontribwixxu għal objettivi simili sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn għall-partijiet interessati kollha;
- tiżgura l-kontinwità tar-regoli u ċ-ċertezza legali mingħajr ma żżid il-piż amministrattiv;
- tinkoraġġixxi l-użu usa' tal-aħjar prattika f'każ ta' rekord ippruvat u rati baxxi ta' żbalji;

(38) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora l-qafas leġislattiv tal-Politika ta' Koeżjoni, filwaqt li tiffoka fuq l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE u r-reġjuni tagħha, filwaqt li żżomm f'moħħha li għandha tindirizza l-ispeċifitàjiet tar-reġjuni kollha u teżamina wkoll aktar is-sitwazzjoni tar-reġjuni maqbuda f'nuqqas ta' żvilupp u r-reġjuni fil-fruntiera esterna tal-UE, sabiex tipprovdi rispons adegwat għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom, u għandha tipprovdi miżuri speċifiċi biex tappoġġa l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi;

(39) JENFASIZZA li l-isfidi demografiċi bħax-xejra demografika negattiva, it-tixjiħ tal-popolazzjoni, id-depopolazzjoni u l-eżodu tal-imħuħ jistgħu japprofondixxu b'mod sinifikanti d-diverġenzi territorjali eżistenti madwar ir-reġjuni u jfixxlu l-koeżjoni, it-tkabbir u l-impjiegi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora kif tindirizza b'mod xieraq dawn l-isfidi;

(40) IFAKKAR li fil-każ ta' xi reġjuni ultraperiferiċi u Stati Membri gżejjer, l-isfidi demografiċi jistgħu jkunu sehem dejjem akbar tal-popolazzjoni żagħżugħa u estremi fid-densità tal-popolazzjoni;

- (41) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju mal-Istati Membri dwar l-elementi ewlenin tat-tfassil u t-twettiq tal-politika matul il-proċess preparatorju għall-pakkett leġislattiv li jmiss;
- (42) JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jżommu f'moħħhom li ma jagħmlux ħsara lill-koeżjoni fit-tnejn ta' strumenti ta' investiment, pereżempju billi jiżguraw li l-politiki u l-istrumenti tal-UE u daww nazzjonali jikkontribwixxu għall-konverġenza u t-tnaqqis tal-asimmetriji bejn u fi ħdan ir-reġjuni;
- (43) JAPPELLA lill-Kummissjoni tevalwa l-istrumenti ta' politika eżistenti tal-UE qabel tintroduċi oħrajn ġodda sabiex jiġi evitat it-trikkib ma' strumenti eżistenti, u b'mod partikolari l-Politika ta' Koeżjoni. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi l-identifikazzjoni tal-aktar metodu ta' implimentazzjoni effettiv għall-qafas ta' Politika tal-UE u r-risultati tal-evalwazzjoni tal-istrumenti differenti;
- (44) JIBQA' KOMMESS għal dibattitu politiku regolari fost il-ministri rilevanti fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali biex jiddiskutu l-Politika ta' Koeżjoni, l-implimentazzjoni tagħha u l-isfidi possibbli.
-